MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (GHAWDEX) BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

## MAGISTRAT DR. NEVILLE CAMILLERI

Seduta tat-30 ta' Novembru, 2011

Numru. 701/2011

**Il-Pulizija**
**(Spettur Frank Anthony Tabone)**

**vs**

**Francis Pace**

**Il-Qorti,**

Rat l-imputazzjoni kontra 'l hawn fuq imsemmi Francis Pace, bin Coronato u Josephine neé Mercieca, imwieled fit-2 ta' April, 1959 u residenti fil-fond numru 60, American Paradise, Triq Santa Katerina, Xewkija, Ghawdex u detentur tal-karta tal-identita' numru 21659(G) li gie

akkuzat talli nhar il-15 ta’ Settembru, 2011 ghal habta ta’ 14:00hrs fi Triq il-Knisja, Xewkija, Ghawdex;

1. bi ksur tal-kundizzjoni tal-licenzja li tippermetti t-tqeghid ta’ mwejjed u siggijiet ai termini tal-Art 15(1) tal-A.L. 128 tal-2002 kif sussegwentement emendat bhala detentur tal-licenzja u ghalhekk persuna responsabbli mit-tmexxija tal-istabbiliment maghruf bhala ‘Tac-Calli’ li qieghed ix-Xewkija, pogga jew ippermetta li jitpoggew imwejjed u siggijiet quddiem l-istabbiliment imsemmi minghajr permess mill-Awtorita’ Kompetenti u dan ukoll bi ksur tal-kundizzjoni tal-licenzja tal-imsemmi stabbiliment skond l-Artikolu 23(1) tal-A.L. 128 tal-2002 bi ksur tal-Artikolu 43(1)(b) Kap 409;

Rat id-dokumenti esebiti;

Semghet il-provi;

Rat l-Artikoli indikati;

**Ikkunsidrat;**

ILLI filwaqt li jirrizulta li l-imputat ma kellu ebda permess fil-15 ta’ Settembru 2011 sabiex johrog imwejjed u siggijiet, jirrizulta wkoll li l-imputat nhar il-15 ta’ Settembru 2011 hareg imwejjed u siggijiet fuq il-bankina.

Ghal dawn il-motivi, il-Qorti, wara li rat Artikoli 15(1) u 23(1) tal-Avviz Legali 128 tal-2002 u kif ukoll Artikolu 43(1)(b) tal-Kapitolu 409 tal-Ligijiet ta’ Malta, issib lill-imputat hati tal-imputazzjoni migjuba fil-konfront tieghu u tikkundannah multa ta’ elf u mitejn euro (€1,200.00).

Abbazi tad-dikjarazzjoni maghmula mill-Ufficjal Prosekutur fis-seduta tal-lum rigward it-tnehhija ta’ mwejjed u siggijiet mill-imputat, il-Qorti m’hijiex ser tordna t-tnehhija tal-kawza tar-reat.

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------